MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 172/2004

APS Bank Limited

**vs**

**Paul Mizzi u martu Pamela Sharon Lee Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti *"in solidum"* bejniethom li jhallsuha s-somma ta' elfejn seba' mija tmienja u sebghin lira u zewg centezmi (LM 2,778.02) rapprezentanti bilanc ta' debitu ta' *"Loan Account"* numru 12566632011 (Dok. A); u dana oltre l-imghax ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru, 2003;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti *"in solidum"* inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma l-Avviz, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti *"in solidum"* b'effett mill-31 ta' Dicembru 2003 sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dokument esebit;

Rat in-Nota tal-mistoqsijiet tal-bank attur sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-24 ta’ Mejju, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi tilqa t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenuti “in solidum” bejniethom sabiex ihallsuha s-somma ta’ elfejn seba’ mija tmienja u sebghin lira u zewg centezmi (LM 2,778.02) bl-imghax kif mitlub sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------